MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

Illum 28 ta' Settembru 2015

Numru. 791/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**AA**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AA** talli nhar l-24 ta' Awwissu 2014 f'xi hin bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar u s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (1400hrs – 1430hrs) gewwa l-iSplash and Fun, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar:

1. B'ghemil zieni, ikkorrompa lil BB, minorenni ta' erbatax-il sena;
2. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni BB;
3. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lill-persuna ta' BB b'mod li jkun jaf jew imissu jkun jaf li dan kien ta fastidju ghall-persuna tal-istess BB;
4. Offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali immarkat bhala Dok JM1 a fol. 8 tal-process sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Awissu 2014, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Illi fl-24 ta' Awissu 2014 l-imputat mar ma' huh DD u habib tieghu EE gewwa l-Kumpless Splash and Fun, Bahar ic-Caghaq. Jirrizulta li ghall-habta tas-1.00pm BB u l-habiba taghha CC dahlu fl-istess Kumpless. Jirrizulta wkoll illi f'xi hin kemm l-imputat u shabu u kemm BB u habibitha marru f'parti maghrufa bhala l-*Lazy River* fejn allegatament l-imputat mess il-warrani u l-parti intima ta' BB waqt li hija kienet fuq *rubber tyre*. Wara xi hin BB u CC irraportaw lid-direzzjoni tal-Kumpless dak li allegatament gara.

Illi waqt id-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti l-ghada tal-allegat incident, **BB** stqarret illi hija u habibitha waslu fil-Kumpless Splash and Fun ghall-habta tas-1.00pm fejn wara li marru fuq numu ta' *rides* iddecidew li jmorru fil-*Lazy River*. Tghid li ma tantx kien hemm nies u li kien hemm l-imputat u habib tieghu li bdew jitbissmulha u bdew jidhku bejniethom. Hija tghid li rat lill-habib tal-imputat jimbotta lill-habiba taghha filwaqt li l-imputat kien warajha waqt li hija kienet ghadha fuq ir-*rubber tyre*. Tghid li l-imputat pogga idejh taht l-ilma u messha fil-parti intima taghha ghal numru ta' drabi. Hija ghalhekk bdiet tghajjat lil habibitha biex tghidilha xi gralha. Sussegwentement hija harget minn got-*tyre* u l-imputat pprova jigbdilha l-istess *tyre* u hi bdiet miexja biex issib lil habibitha u daret u qaltlu li jekk jerga' jmissha se tibda tghajjat. Tispjega li l-imputat ma tantx ta kasha. Eventwalment hi u habibitha hargu mill-ilma u qalet lil habibitha li l-imputat kien messha u sabiex jitilqu minn hemm. Tghid li dak il-hin kienet bezghana u kienet qed tirtghod u qalet li ma kellhiex hsieb tghid lil hadd dwar dak li gara

hlief lil ommha meta kienet se tigi tigborhom fl-ahhar tal-gurnata. Tispjega li wara marru fil-*pool* fejn kien hemm tifla li kienet qed teghreq u ppruvaw jghinuha imma l-istess tifla hassha hazin u hi bdiet tibza hafna ghaliha. Dak il-hin hi u habibitha iddecidew li ahjar icemplu lil ommha u jghidulha x'kien qed jigri. Ghalhekk ippruvaw ifittxu telefon meta raw lill-imputat ma' shabu qeghdin jistennew biex jixtru xi haga. Tghid li l-imputat u shabu kellhom ghajnejhom fuqhom u hemzuhom u l-imputat beda jghid b'lehen gholi "hey beautiful" u affarijiet simili. Tghid li huma ghamluha cara bl-espressjonijiet ta' wicchom, u bil-fatt li bdew jimxu mghagglin, li ma jridux ikollhom x'jaqsmu maghhom.

Tghid li habibitha qaltilha li l-imputat u shabu kienu qed ifittxuhom u hija beda jaghtiha attakk ta' paniku u xi hadd staqsa lil habibtha jekk kienx kollox sew, wara liema giet mara biex tghina u giet ikkuntattjata ommha u l-Pulizija. Tistqarr li habibitha marret ma' wiehed mill-*staff* ifittxu liz-zghazagh u l-*manager* tal-Kumpless qalilhom li wiehed mill-guvintur kien ammetta x'kien ghamlilha.

Tghid li fil-hin tal-incident hija kienet fit-*tunnel* u li kien pjuttost mudlam. Tispjega li mill-hin tal-allegat incident sal-hin li giet ommha forsi kienu ghaddew xi nofs siegha u li l-guvni li messha kien ftit iktar samrani u ftit iktar qasir mill-guvni l-iehor li mbotta lil habibitha. Tghid li lill-guvni li messha ratu meta hija harget mir-*rubber ring*. Hija stqarret li hasset il-ponot tas-swaba ta' idejh imissuha u mhux is-swaba ta' saqajh ghaliex hija hasset ghafsa li ma tistghax taghmilha bis-saqajn u li barra l-parti privata taghha il-guvni messilha wkoll il-warrani. Mistoqsija jekk il-guvni li messha kellux xi haga partikolari f'wiccu hija wiegbet li le. Mistoqsija specifikatament jekk il-guvni li messha kellux xi *piercing* hija wiegbet li le. Tistqarr ukoll li kienet habibitha li ddeskriviet il-guvintur lill-*staff* tal-Kumpless biex ikunu jistghu jidentifikawhom.

**<u>CC</u>**, tghid li hija akkumpanjat lill-habiba taghha BB gewwa l-Splash and Fun u wara xi *rides* marru fil-*Lazy River* u wara li ghamlu l-ewwel dawra, iddecidew li jaghmlu dawra ohra. Tghid li l-hin kollu kienu qed izommu mar-*ring* ta' xulxin biex jibqghu flimkien. Tghid li waqt li kienu fit-*tunnel* raw tlett guvitur li ma kinux fir-*rings* li bdew ibeghduhom minn xulxin sakemm eventwalment regghu qabdu flimkien u BB qaltilha li wiehed minnhom kien messilha l-warrani pero` hija tghid "*we kind of laughed it off*". Hija tghid li l-guvintur komplew jippruvaw ibeghduhom minn xulxin u BB bdiet tghajtilha u ratha

tinzel mir-*ring* u bdiet tigri u qaltilha li kienu messewha. Ghalhekk hija nizlet mir-*ring* u telghu mill-ilma. Tghid li BB kienet *distressed* u qaltilha li xtaqet iccempel lil ommha pero` huma ma ridux imorru d-dar u ghalhekk ma qalu lil hadd. Wara marru fuq is-*sun beds,* xorbu xi haga u kull guvni li bdiet tara BB bdiet tahseb li kien il-guvni li messha. Tghid li wara ikkalmat xi ftit u marru fil-*pool* fejn kien hemm tifla li kienet qed tghereq u ma kien hemm hadd jghinha u ghalhekk hija marret biex tghinha imma peress li bdiet issib diffikulta marret tghinha wkoll BB. Tghid li hadd ma beda jghinhom u t-tifla hassha hazin u BB kienet inkwetata hafna u dak il-hin qaltilha li ahjar icemplu lil ommha u jghidulha b'kull ma gara. Ghalhekk marru lejn il-bar biex ifittxu telefon u raw lill-guvintur li kienu qed jitfghu il-bews lil BB u jxejjrulha u kienu qed jidhku bejniethom. Hija tghid li BB bdiet tibza' hafna u telghet it-tarag b'girja biex issib telefon u hija rat lill-guvintur idawwru rashom u qalet lil BB li kienu qed ifittxuha. BB bdiet tibki u beda jaghtiha attakk ta paniku. Wara gie jkellimhom il-*manager* u kkuntattjaw lil omm BB li marret fuq il-post u ddecidiet li tkellem lill-Pulizija.

Hija tistqarr li waqt li kienet fit-*tunnel* hija rat lil guvni wiehed hdejn ir-*ring* ta' BB, liema guvni kellu karnaggjon pjuttost skur u kulur tax-xaghar skur. Hija tispjega li z-zewg guvintur li kienu imbuttaw ir-*ring* taghha u ta' BB kienu wiehed iqsar mill-iehor. Mistoqsija liema wiehed kien dak vicin BB hija stqarret li ma kinitx certa stante li rasu biss kienet barra mill-ilma. Tghid pero` li kien hemm ftit tad-differenza fit-tul bejn it-tnejn. Hija tghid li mhix zgur dwar liema guvni kien qieghed izomm mar-*ring* ta' BB. Tghid li ghall-ewwel kien hemm biss guvni wiehed li kien qieghed mat-*tyre* ta' BB imma wara li mbuttawha ilkoll marru mat-*tyre* ta' BB pero` ma tistghax tghid kemm-il pesuna marru mal-istess tyre. Tistqarr li l-ewwel darba li BB qaltilha li kien messha hi kienet hdejha u bdiet tirtghod ftit imma tghid "*we laughed it off*" pero` mbaghad il-guvintur jew guvni minnhom imbuttaha u ma setghet tisma' xejn aktar. Hija tistqarr li ma semghetx lil BB tkellem lill-guvintur. Tghid li meta hargu mill-ilma BB kienet qed thossha skomda pero` ma riditx thassar il-gurnata ta' habibitha u ma riditx li l-guvintur ihassrulha l-gurnata.

Ix-xhud stqarret li wara li hargu mill-*Lazy River* marru fuq is-*sun beds* ghal xi hames/ghaxar minuti u wara marru l-*pool* ghal xi hmistax/ghoxrin minuta sakemm sehh l-incident tat-tifla li kienet se teghreq. Wara dan l-incident BB infurmatha li xtaqet iccempel lil ommha ghaliex ma kinitx qed thossha tajjeb, anke ghaliex belghat hafna ilma meta kienet qed tghin lit-tifla. Ix-xhud stqarret illi BB kienet qed thossha stressjata u mbezza' u dan kien rizultat ta' dak kollu

li kien gara matul il-gurnata.  Mistoqsija jekk xi wiehed mill-guvintur kellhux xi *piercing* f'wiccu hija wiegbet li ma tiftakarx u eskludiet li hija kienet semmiet li guvni minnhom kellu *piercing* ma' xi hadd mill-*staff* jew mal-Pulizija.  Wara li x-xhud rat lill-imputat fl-Awla hija stqarret li tahseb li l-imputat kien il-guvni li kien imqabbad mar-*ring* ta' BB pero` ma kinitx certa.

**<u>EE</u>** xehed illi  huwa kien habib tal-familja Tabone u li kien qed jigi ospitat minnhom waqt vaganza hawn Malta.  Jistqarr illi fil-gurnata in kwistjoni huwa kien mal-imputat u huh gewwa l-*Splash and Fun Park*.  Jghid li huma marru fil-*Lazy River* u raw zewg tfajliet li kienu quddiehom.  Jghid li f'hin minnhom ra s-sieq tal-imputat tghola u l-*lilo* jitbieghed minnu.   Jispjega li huwa kien bejn it-tfajliet u l-imputat.  Jghid li wara li hargu mill-ilma huma marru fuq is-*sun beds* u wara marru jixtru gelat u regghu raw liz-zewg tfajliet li pero` injoraw.  Jghid li fl-ebda hin huwa ma sema' lit-tfajliet ikellmu lill-imputat waqt li kienu fil-*Lazy River*  u lanqas huma ma kellmu jew ghaddew xi rimarki lit-tfajliet.  Jghid li ghall-habta tat-tlieta marru xi membri tal-*crew* ifittxuhom li pero` ma kinux akkumpanjati mill-ebda wahda mit-tfajliet.

**<u>FF</u>** xehdet illi hija omm BB.  Tistqarr illi hija rceviet telefonata mill-*Splash and Fun Park* fit-3.00pm biex tmur fl-istess post sabiex tassisti lil bintha.

**<u>Patrick Vella</u>** xehed li huwa *Managing Director* fil-Kumpless *Splash and Fun Park.*  Jghid li f'xi hin wara nofsinhar ircieva rapport li kien hemm tifla qed tibki u tghid li xi guvni messha fir-*river*.  Ghalhekk hu cempel lil omm BB u spjegalha l-kaz u wara li marret fuq il-post infurmatu li riedet li tinvolvi lill-Pulizija.   Jghid li sakemm giet l-omm huwa baghat wiehed mis-*securities* biex imur ma' CC ifittxu lill-guvintur.  Jghid li wara li l-guvintur gew identifikati dawn gew mifrudin.  Jispjega li kien hemm wiehed minnhom li kien jidher xi ftit imqareb u haseb li kienu hu u dahal ikellmu meta mar *pool attendant* u infurmah li kien hemm il-guvni l-iehor li ried ikellmu, liema persuna ix-xhud identifikaha bhala l-imputat.  Jghid li l-imputat qallu li kien hu u kien se jibda jghidlu x'gara imma x-xhud qallu li hu mhux se jidhol fil-bicca ghax kienu gejjin il-Pulizija.  Jghid li hu r-rapport dwar l-incident ircevih minghand il-*Manager* Doris Ebejer.  Jghid li t-tfajliet bdew jghidu *"they were trying to touch us….they were trying to touch our private parts"* pero` qal ukoll illi wahda mit-tfajliet qalet ukoll illi xi hadd kien fil-fatt messha lit-tfajla l-ohra. Qal li dan il-kliem qalitu wahda mit-tfajliet ghaliex l-ohra kienet qed tibki. Jghid li l-imputat qallu li messilha koxxitha b'accident b'subajh ta' saqajh.

**<u>Doris Ebejer</u>** xehdet li hija tahdem fl-*Splash and Fun Park* meta giet infurmata mill-*staff* li kien hemm zewgt itfal jibku. Ghalhekk hija marret tara x'gara u sabet tfajla tibki u ohra naqra mreghda. Huma spjegawlha li kienu fil-*Lazy River* u kien hemm xi hadd li mess il-parti intima ta' wahda minnhom. Hi ppruvat tikkalmahom u cemplet lil Patrick Vella li da parti tieghu cempel lil omm wahda minnhom. Tghid li wahda minnhom biss bdiet tkellimha ghax l-ohra bdiet tibki.

**<u>L-imputat</u>** ghazel li jixhed u stqarr illi dakinhar tal-allegat incident huwa kien mar l-*Splash and Fun Park* flimkien ma' huh, li huwa sena ikbar minnu, u ma' habib tieghu EE. Spjega illi f'xi hin huma nizlu fil-*Lazy River* u huwa nizel minghajr *tyre*. Jghid li waqt li kien fit-*tunnel* sema' xi kliem u ra zewg tfajliet warajh u baqa' ghaddej. Jghid li filwaqt li t-tfajliet hargu mil-*Lazy River*, hu, huh u EE baghu fil-*Lazy River* u daru xi darbtejn ohra u mbaghad marru fuq is-*sun beds*. Jghid li jista' jaghti l-kaz li waqt li kien ghaddej jghum minn hdejn it-tfajliet huwa laqat wahda minnhom. Jghid li ghal xi s-2.00pm marru jixtru gelat u l-istess zewg tfajliet ghaddew minn quddiemhom u huma regghu marru lura fuq is-*sun beds* fejn wara xi nofs siegha kienu mitluba jmorru fl-ufficju tad-Direttur. Jghid li d-Direttur ha lil huh go kamra ghalih u beda jisma' xi storbju u ghajjat. Jghid li kif id-Direttur hareg huwa staqsieh x'kien gara u dan qallu li t-tfajliet kienu irrapurtaw li huma kienu missewhom u li kien ha lil huh ghax skond it-tfajliet kien il-wiehed li kellu misluta f'ghajnejh li kien messhom. L-imputat qallu li jista' jaghti l-kaz li waqt li kien ghaddej kien hu li laqat wahda minnhom. Jistqarr illi hu fl-ebda hin ma dahhal idu fl-ilma biex jaghmel dak li qalet li ghamel BB.

**<u>DD</u>** stqarr illi huwa hu l-imputat u li kien mieghu fil-gurnata in kwistjoni. Mistoqsi jekk fil-*Lazy River* kienx hemm nies huwa wiegeb li kien hemm. Jghid li l-imputat kien warajh pero` ma kienx fuq it-*tyre* filwaqt li huwa kien fuq wiehed. Jistqarr li ma jafx li kien hemm xi tfajliet barranin fil-*Lazy River*. Jghid li mbaghad hargu mill-ilma u marru fuq is-*sun beds*, xtraw l-ikel, regghu marru fuq is-*sun beds*, marru jixtru gelat u regghu marru fuq is-*sun beds* sakemm mar fuqhom ragel u qalilhom biex imorru mieghu. Jghid li mbaghad ragel goff u samrani, li wara rrizultalu li kien jismu Patrick, dahhlu f'kamra u qallu li t-tfajliet qalulu li tal-misluta f'ghajnejh kien messhom. Qal li dan ir-ragel kien aggressiv mieghu u mbuttah u qallu li kieku kienet it-tifla tieghu li ghandha l-istess eta` kien joqtlu. Jistqarr illi huwa qallu li ma kien jaf b'xejn u mbaghad telqu. Jghid li mbaghad l-istess ragel mar ikellem lil huh.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta mix-xhieda moghtija mill-imputat u shabu, u minn BB u CC, illi hemm kunflitt totali ta' x'verament gara fil-mument li kienu fit-*tunnel* tal-*Lazy River*. Hemm ukoll kunflitt bejn il-verzjoni moghtija mill-istess guvintur dwar min kien u ma kienx fuq ir-*rubber tyre*. Filwaqt li EE jghid li l-imputat kien fuq it-*tyre*, l-imputat u huh jghidu li hu ma kienx fuq it-*tyre*. Min-naha l-ohra kemm BB u kemm CC jghidu li l-ebda wiehed minnhom ma kien fuq it-*tyre*. Tezisti wkoll verzjoni differenti kif kienu t-tfajliet fuq it-*tyre*. Filwaqt li t-tfajliet u EE jghidu li kienu bilqieghda fit-*tyre*, l-imputat jghid li wahda mit-tfajliet kienet bilwieqfa fit-*tyre*. Jezisti wkoll kunflitt dwar dak li t-tfajliet allegatament qalu lil Patrick Vella fis-sens li DD stqarr li l-istess Vella qallu li t-tfajliet indikaw guvni bil-misluta bhala l-persuna li kienet messithom filwaqt li fix-xhieda taghha CC qalet li ma tiftakarx jekk wiehed minnhom kellux *piercing*. Imbghad l-iktar verzjoni konfliggjenti hija dwar l-allegat incident innifsu bl-imputat jichad li mess bil-mod kif rakkontat minn BB, filwaqt li BB tghid li l-imputat messilha l-warrani u l-parti privata taghha b'idejh ghal numru ta' drabi.

Illi ghalhekk il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti ghall-ahhar. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Peter Ebejer***, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt:' "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but*

*nothing short of that will suffice."* Fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker*** (Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi: *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."* Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit"*. Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara*** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe` jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi issa, fil-kaz prezenti, apparti l-kunflitti msemmija iktar 'il fuq, din il-Qorti ssibha kemm xejn stramba kif tfajla ta' erbatax-il sena li ssubiet dak li qed tghid li ssubiet kompliet bil-gurnata u ma riditx iccempel lil ommha ghax hi u habibitha riedu jibqghu igawdu l-gurnata. Il-Qorti mhux qed tghid li BB gidbet ghal kollox. Il-Qorti hija konvinta li xi tip ta' kuntatt kien hemm bejnha u bejn l-imputat pero` l-Qorti iktar hija propensa li temmen il-verzjoni tal-imputat kif graw l-affarijiet u cioe` li seta' laqatha b'saqajh. Illi l-Qorti ssibha difficli biex temmen li l-imputat seta' messha numru ta' drabi minghajr hi ma rreagixxiet tempestivament billi twerzaq jew tghajjat ghall-ghajnuna minghand habibitha jew xi hadd iehor, ghalkemm hi tghid li hi ppruvat tqum minn fuq it-*tyre* u fil-fatt irnexxielha. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' CC li qalet li meta BB qaltilha li kienu messewha *"they laughed it off"*. Jekk verament il-guvintur kienu qed jippruvaw ibeghduhom minn xulxin il-Qorti ghandha ghaliex tahseb li huma baqghu jippruvaw jaraw x'qed jigri wahda mill-ohra u mhux CC ma tafx totalment x'kien qed jigrilha habibitha meta wiehed jikkunsidra li kienet biss xi zewg/tlett metri 'l boghod minnha.[1] Il-Qorti ssib li hija wkoll inverosimili li BB ma bdietx tghajjat jew ghallinqas titlob l-

[1] Ara xhieda fol. 64

ghajnuna *considerando* li fi kliemha stess kien hemm numru ta' nies fir-*river "So me and my friend managed to get off our lilos and obviously get out of the pool* ***past the crowd*** *and they were still behind the crowd at the time."*[2]

Illi din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-deskrizzjoni li tat BB tal-persuna li allegatament messha meta qalet *"The one who touched me was quite darker. His hair colour was darker and I think he was a bit shorter."* Illi minn dak li setghet tirraviza l-Qorti meta tela' jixhed DD jirrizulta illi bejnu u bejn l-imputat huwa l-iktar wiehed li ghandu karnaggjon skur. Fil-mument li tela' jixhed l-istess DD xaghru wkoll kien aktar skur, pero` l-Qorti ma tistax tghid x'lewn kien xaghru fiz-zmien tal-allegat incident. Min-naha l-ohra DD huwa xi ftit iktar twil minn huh l-imputat. Il-Qorti taghmel referenza wkoll illi ghalkemm CC, waqt ix-xhieda taghha u wara li giet murija l-imputat, qalet li kien hu li kien mat-*tyre* ta' BB, wara xi mistoqsijiet mpoggija mid-difiza hija stqarret li ma kinitx certa kienx l-imputat.

Illi l-Qorti setghet tinnota certa somiljanza fil-fatturi tal-wicc tal-imputat u huh b'dana pero li hu l-imputat, u cioe` DD, huwa ta' karnaggjon iktar skur u huwa itwal mill-imputat. Madankollu, DD dejjem cahad kategorikament illi huwa qatt mess xi wahda mit-tfajliet, liema xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha prodotti quddiemha, tqis illi hemm dubju dettat mir-raguni li ghandu jimmilita favur l-imputat u dana fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u cioe` li l-imputat gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil BB din bl-ebda mod ma giet ippruvata. Biex tirrizulta tali imputazzjoni jrid ikun hemm element ta' persistenza u ripetizzjoni f'okkazjonijiet differenti li f'dan il-kaz ma kienx hemm.[3] Ghaldaqstant l-imputat se jigi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

**DECIDE**

---

[2] Ara xhieda ta' BB a fol. 36

[3] Ara sentenza tal-Qorti t' l-Appell Kriminінali datata 27 ta' Frar 2009 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Massimo Tivisini***

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghdha tiddikjara lill-imputat AA mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**